C/2026/3318

17.6.2026

Avviż għall-attenzjoni ta' entità soġġetta għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

(C/2026/3318)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-entità Research Centre for Explosion and Impact (magħrufa wkoll bħala METFAZ), li hija elenkata fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK [1] u fl-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 [2] dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.

Il-Kunsill bihsiebu jżomm fis-seħħ il-miżuri restrittivi kontra l-entità msemmija hawn fuq b'dikjarazzjoni emendata tar-raġunijiet u informazzjoni addizzjonali. Din l-entità hija b'dan infurmata li tista' tippreżenta talba lill-Kunsill biex tikseb l-abbozz ta' dikjarazzjoni tar-raġunijiet u l-informazzjoni addizzjonali relatata maż-żamma tal-miżuri restrittivi, **qabel l-24 ta' Ġunju 2026**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

[1] ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39.
[2] ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1.